MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 85/2010

**Carmelo Zammit**
**(I.D. 409912M)**

**vs**

**Hugo u Eva konjugi Magro**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti l-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija u tmenin Euro (€1,680.00), rapprezentanti danni li sofrew l-atturi kawza ta’ perkolazjoni ta’ ilma mill-fond sovrastante tal-konvenuti ghal gol fond tal-attur. Il-fond tal-attur jinsab f’numru 50, Summer Street, Bugibba. Il-fond tal-konvenuti jgib in-numru ta’ 48 fl-istess triq f’Bugibba.

Bl-ispejjez u b’hekk, il-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Imghax legali sad-data tal-hlas.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ta’ elf, sitt mija u tmenin Euro (€1,680.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------